TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

CCT/102/16/S

Paul Ciantar, Maria Dolores Ciantar u Hayle Ciantar
Vs
Brittania Services Ltd

Il lum 7 ta'Dicembru,2017.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Paul Ciantar, Maria Dolores Ciantar u Hayle Ciantar pprezentata fid-19 ta'Mejju,2016 u r-risposta ta' Brittania Services Ltd ipprezentata fit-23 ta'Gunju,2016;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-partijiet u s-sottomissjonijiet bil-miktub;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda ilmenti waqt 'tour' organizzat mis-socjeta intimata;

Illi jinghad mal-ewwel li din il-mawra bdiet mill-bidu nett bil-problemi ghax mal-wasla tal-grupp f'Sofia, ma kienx hemm spazju ghall-bagalji kollha fuq il-'coach';

Illi matul il-mawra, il-'coach' tat diversi problemi ghax waqfet iktar minn darba;

Illi kien hemm anki ilment dwar l-ikel fil-lukanda izda skont il-gwida[1], uhud mill-grupp kienu jiehdu hafna ikel fil-vojt bil-konsegwenza li ma jkunx hemm ghal kulhadd minn dan il-'buffet';

Illi l-prezz ta' din il-mawra kien ta' €735 kull persuna;

Illi mill-provi mressqa quddiem dan it-Tribunal, jidher bic-car li kien hemm diversi inkonvenjenti matul iz-zjara pero l-problema tal-'coach' kienet l-iktar wahda li setghet tigi solvuta billi tinbidel il-'coach' gjaladarba din kienet problema;

[1] Ara x-xhieda ta'Stephen Micallef moghtija fis-seduta tad-19 t'Ottubru,2017.

Illi veru li z-zmien kien wiehed fejn mhux se ssib 'coach' iehor kif gib u lahaq pero din kienet problema li s-socjeta kellha ssolvi mal-ewwel;

Illi jidher bic-car li r-rikorrenti huma intitolati ghal kumpens minhabba l-inkonvenjent kawzat lilhom b'rizultat ta' servizz mhux accettabbli u mhux tal-livell promess;

Illi s-socjeta intimata kellha tara li r-rapprezentanti taghha barra, jkunu f'pozizzjoni li jsolvu problema u jkunu ta' min joqghod fuqhom biex jipprestaw is-servizzi imweghda;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' t-talba ta' Paul Ciantar, Maria Dolores Ciantar u Hayle Ciantar filwaqt li Jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta Brittania Services Limited u Jordna lis-socjeta Brittania Services Limited thallas lil Paul Ciantar, Maria Dolores Ciantar u Hayle Ciantar is-somma stabbilita *ex aequo et bono* ta' €220.00 għal kull persuna u cioe' għat-tliet membri tal-familia Ciantar, kif ukoll l-ispejjez ta' dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru